**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum l-Erbgha 15 ta` Frar 2017**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1876/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Apassionata World GmbH debitament irraprezentata hawn Malta mill-Avukat Dott. Adrian Camilleri (350380M)**

***kontra***

**St. George Edition Limited (C40902)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti ipprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fil-21 ta` Dicembru 2016. Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Fil-21 ta` Dicembru 2016, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat, b`ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors

ghas-smigh.

Id-difensur tal-intimata ta ruhu b`notifikat ghall-intimata bl-atti tar-rikorrenti fl-udjenza tas-16 ta` Jannar 2017.

L-intimata pprezentat risposta fis-16 ta` Jannar 2017. Mar-risposta kienu prezentati dokumenti.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tal-24 ta` Jannar 2017.

Wara l-udjenza, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati fil-kors tas-smigh tal-procediment.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

## II. It-talba

Ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-rikors, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimata sabiex din tinzamm milli *b`xi mod tittermina t-"Trade Mark Licence Agreement" datat 1 ta` Frar 2016* bejn il-partijiet (Dok A).

**Ikkunsidrat :**

## III. Ir-raguni ghat-talba

**Fil-qosor**, ir-rikorrenti tghid illi bil-ftehim Dok A, hija kisbet licenzja minghand l-intimata sabiex tuza t-trademarks indikati fil-kuntratt. Ghalkemm ir-rikorenti kisbet il-licenzja, jidher li l-intimata ghandha tilwima ma` terzi dwar il-propjeta` tat-trademarks. Saret ukoll kawza (li ghadha pendenti) bejn it-terzi u l-

intimata, fejn ir-rikorrenti mhijiex parti. Ir-rikorrenti kienet notifikata bhala sekwestratarja fl-atti ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju bejn it-terzi u l-intimata. Skont il-ftehim Dok A, l-intimata talbet hlas minghand ir-rikorrenti. Minhabba d-disgwid, ir-rikorrenti ddepostat l-ammont rikjest minnha taht l-awtorita` tal-qorti. L-intimata kkontestat il-legittimita` tad-depozitu. U avzat lir-rikorrenti illi kienet qeghda ttemm ftehim iehor ta` bejniethom tal-1 ta` Dicembru 2015. Ghar-rikorrenti din il-posizzjoni tal-intimata kienet bla bazi fil-fatt u fid-dritt, *inter alia* ghaliex ir-relazzjoni ta` bejn il-partijiet hija regolata bil-ftehim Dok A mhux bil-ftehim ta` qabel u cioe` dak tal-1 ta` Dicembru 2016. Skont ir-rikorrenti, ir-rizoluzzjoni tal-ftehim Dok A igharraq b`mod irrimedjabbli l-qaghda taghha.

**Ikkunsidrat :**

## IV. Il-posizzjoni tal-intimata

L-intimata tichad illi r-rikorrenti ghandha jedd li jitlob il-hrug tal-Mandat ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-risposta taghha.

**Ikkunsidrat :**

## V. Ir-raguni tac-cahda

**Fil-qosor,** l-intimata tikkontendi illi l-unika kuntratt bejn il-partijiet kien dak tal-1 ta` Dicembru 2016. Dak il-kuntratt gie mitmum qabel id-data tal-presentata tar-rikors mertu ta` dan il-procediment. Ghalhekk ma hemmx lok ghall-hrug tal-Mandat. Skont l-intimata, ma hemm l-ebda kuntratt bejn il-partijiet Dok A. Fil-fatt Dok A huwa ffirmat minn parti wahda biss.

**Ikkunsidrat :**

## VI. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti hija prekluza ("***m`ghandhiex***") milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

**Ikkunsidrat :**

**VII. Gurisprudenza**

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **hija obbligata** tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb</u> <u>noe</u> <u>vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi prepediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**VIII.** ***<u>Il-jedd prima facie tar-rikorrenti</u>***

Kien prezentat il-kuntratt tal-1 ta` Frar 2016.

Fuq l-att li pprezentat ir-rikorrenti mar-rikors promotur – u cioe` Dok A – tidher biss <u>il-firma tar-rapprezentant tal-intimata</u>.

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, kien prezentat l-att iffirmat mir-rapprezentanti <u>taz-zewg partijiet</u>.

**Ghall-fini ta` dan il-procediment, il-Qorti ma tqisx bhala fondata l-kontestazzjoni tal-intimata illi ma hemmx kuntratt tal-1 ta` Frar 2016 li jorbot liz-zewg partijiet.**

**Ghall-fini ta` dan il-procediment, il-Qorti ghandha ftehim iffirmat miz-zewg partijiet.**

Id-dokument li kien esebit mar-rikors promotur u dak esebit fil-kors tal-procediment huma identici hlief illi fil-kaz tal-ewwel, kien hemm biss il-firma ta` rapprezentant tal-intimata, waqt li fit-tieni hemm il-firma tat-tnejn.

Fil-procediment tal-lum, ir-rikorrenti avvanzat il-pretensjoni taghha ghaliex issostni li hemm kuntratt li kien konkluz bejn it-tnejn u effettiv mill-1 ta` Frar 2016 li ghadu fis-sehh bil-pattijiet u bil-kondizzjonijiet kollha tieghu.

Il-fatt illi l-intimata qeghda ssostni li fid-Dok A esebit mar-rikors promotur ma hemmx iz-zewg firem izda wahda biss li nzertat dik ta` rapprezentant tal-intimata bl-ebda mod ma jxejjen ir-rekwizit tal-jedd *prima facie* tar-rikorrenti ghall-fini tat-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Fil-kors tal-procediment, ir-rikorrenti pprezentat ukol kopja tal-ftehim li kien effettiv minn l-1 ta` Dicembru 2015 (Dok O a fol 84 et seq).

L-intimata tishaq illi r-rikorrenti kienet inadempjenti skont dak il-ftehim u ghalhekk dak il-ftehim kien mitmum.

Din il-Qorti mhijiex sejra taccetta d-difiza tal-intimata illi l-procediment huwa ezawrit, ghaliex ir-rikorrenti mhijiex titlob il-hrug tal-Mandat abbazi tal-ftehim tal-1 ta` Dicembru 2015 izda bis-sahha tal-kuntratt tal-1 ta` Frar 2016, li tikkontendi li ssupera l-kuntratt tal-1 ta` Dicembru 2015.

X`kien l-effett tal-kuntratt tal-1 ta` Frar 2016 vis-a-vis l-kuntrat tal-1 ta` Dicembru 2015 hija materja li ghad trid tqis il-qorti li sejra tittratta l-mertu ; certament mhux din – ghal fini tal-procediment tal-lum.

Allegata inadempjenza da parti tar-rikorrenti skont il-kuntratt ta` l-1 ta` Dicembru 2015 mhijiex mertu ta` dan il-procediment billi l-procediment tal-lum jirrigwarda l-ftehim effettiv mill-1 ta` Frar 2016 li, fil-fehma ta` din il-Qorti, jidher *prima facie* li jissussisti bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat :**

**IX. *__Il-htiega tar-rikorrenti__***

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**ara wkoll** : il-provvediment ta` din il-Qorti **PA/AM** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**Borg Grech vs Gasan et noe**").

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-element tal-htiega jissussisti ghaliex azzjoni ghal danni ma tistax tirrimedja ghall-hsara li ggarrab ir-rikorrenti fil-kaz li ma tintlaqax it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**Ikkunsidrat :**

**X.** ***Il-pregudizzju rrimedjabbli tar-rikorrenti***

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli.

Il-Qorti hija tal-fehma illi f`kaz tax-xorta bhal dak tal-lum jekk l-intimata ma tkunx inibita kif qieghed jintalab, in-natura tal-pregudizzju li ggarrab r-rikorrenti fl-esekuzzjoni tal-jedd *prima facie* kwazi kwazi jgib dak il-jedd fix-xejn ghaliex fil-kuntest tieghu dak il-jedd difficilment jissewwa xort`ohra.

Jekk l-intimata ma tkunx inibita kif qed jintalab, eventwali trasferiment lil terzi tad-drittijiet li ghandha r-rikorrenti fil-konfront tal-intimata, fil-mori tal-kawza dwar il-jedd bejn il-partijiet, jiftah xenarju ta` litigazzjoni b`esitu u konsegwenzi imprevedibbli.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimata kif dedotta fir-rikors tal-21 ta` Dicembru 2016. Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**